# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 91/2016 MH**

**Illum, 28 ta' Ġunju, 2019**

**Albert Attard (ID. 6551553(M))**

**Henry Attard (ID. 682951(M))**

**Chris Sant (ID. 43870(M))**

**Shaun Arrigo (ID. 171267(M))**

**Rino Muscat Scerri (ID. 266035(M))**

**Emmanuel Micallef (ID. 125166(M))**

**Joseph Casha (ID. 283454(M))**

**John Dalli (ID. 84446(M))**

**Mark Darmanin Kissaun (ID. 115971(M))**

**Smyth Dunbar (ID. 45789(M))**

**Trevor Sullivan (ID. 562157(M))**

**Paul Gauci (ID. 174454(M))**

**Paul Cremona (ID. 176361(M))**

**Gordon Mizzi (ID. 824447(M))**

**Alfred Mangion (ID. 773544(M))**

**Peter Gatesy (ID. 5364(A))**

**Jamie Sammut (ID. 188792(M))**

**Norman Mifsud (ID. 395239(M))**

**Matthew Sammut (ID. 32367(G))**

**Philip Grima (ID. 403261(M))**

**Joe Grech (ID. 147844(M))**

**Chris Busuttil (ID. 199278(M))**

**vs**

**Awtorita' għat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors ġuramentat** tal-atturi tat-3 ta' Frar 2016 li permezz tiegħu ppremettew:

1. *"Illi l-atturi huma sidien ta' yachts li jirmiġġjaw f'Ta' Xbiex Yacht Marina, Ta' Xbiex.*

2. *Illi l-yacht marina in kwistjoni tinsab u ilha snin twal fi istat ta' abbandun. Din is-sitwazzjoni ma nbidlitx u anzi riċentement seħħew numru ta' serqiet minn numru ta' yachts fil-marina in kwistjoni.*

3. *Illi in effetti kif ġja ġie rilevat f'ittra uffiċjali mibgħuta preċedentement lill-Awtorita' intimata ħafna mill-kaptelli li hemm ma' l-art bejn it-triq u l-baħar huma mkissrin b'tali mod illi wieħed jista' faċilment iweġġa' jekk jaqa' fihom. Ġie rilevat ukoll illi l-booths minfejn jigi supplit l-elettriku għall-yachts*

*m'humiex imsakkrin u huma perikolużi. Dan ifisser illi apparti l-periklu evidenti terzi persuni jistgħu jutilizzaw tali booths a spejjeż tal-mittenti, kif qed isir.*

4. *Illi nonostante li l-Awtorita' intimata giet interpellata sabiex tirrimedja dawn il-hsarat baqghat inadempjenti.*

5. *Illi l-atturi inkarigaw lill-Inginier Konrad Maistre biex iħejji "risk assessment report" liema rapport tħejja u kopja tiegħu qed tiġi annessa u mmarkata Dok B.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha*

i) *Tiddikjara illi l-Awtorita' intimata hija responsabbli għall-manutenzjoni u riparazzjonijiet neċessarji li hemm bżonn isiru f'Ta' Xbiex Yacht Marina, Ta' Xbiex.*

ii) *Tiddikjara u telenka liema huma x-xogħolijiet li l-Awtorita' intimata hija obbligata teżegwixxi, occorrendo bin-nomina ta' periti nominandi.*

iii) *Tikkundanna lill-Awtorita' intimata teżegwixxi tali xogħlijiet.*

iv) *Tawtorizza lill-esponenti sabiex, f'każ li l-Awtorita' intimata tonqos milli teżegwixxi tali xogħlijiet, ikunu awtorizzati jeżegwixxu x-xogħolijiet huma u dan a spejjeż ta' l-Awtorita' intimata.*

*Bl-ispejjeż u l-intimati inġunti in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-Awtorita' konvenuta tal-11 ta' Mejju 2016**[1] li permezz tagħha esponiet:

1. *Illi preliminarjament, kull wieħed mill-atturi għandu jġib prova tal-interess ġuridiku tiegħu f'din il-kawża u jikkonferma illi ta l-kunsens tiegħu biex jissieħeb f'din il-proċedura;*

2. *Illi, preliminarjament ukoll, l-atturi m'għandhomx il-jedd li jmexxu b'din l-azzjoni stante illi preżentement huma mhumiex qegħdin iħallsu r-rati applikabbli għalihom bħala utenti tal-marina ġestita mill-Awtorita' f'Ta' Xbiex u qed jirrifjutaw illi jiffirmaw ftehim ta' rmiġġ u jassumu l-kundizzjonijiet li qed titlob l-Awtorita'. Għalhekk, huma qed jokkupaw spazji fl-istess marina <u>illegalment u abbużivament</u>, m'għandhomx id-dritt li jibqgħu jorbtu fl-imsemmija marina, u wisq anqas li jressqu kawża dwar il-faċilitajiet fl-istess marina;*

3. *Illi fil-mertu, l-Awtorita' ma tistax titqies responsabbli għal allegati ħsarat u nuqqas ta' manutenzjoni. Huwa fatt magħruf għall-atturi illi l-Awtorita' ilha beħsiebha tniedi proċess ta' privatizzar tal-marina, proprju sabiex il-faċilitajiet fil-marina jiġu modernizzati, mtejba u msebbħa. Madanakollu, bl-aġir abbużiv tagħhom li qed jisfida sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, l-atturi qegħdin ifixklu dan il-proċess tal-privatiżżar tal-operat tal-marina – dan bi ħsara mhux biss għall-Awtorita' iżda wkoll għall-utenti l-oħra li jixtiequ jgawdu mill-iżvilupp u tisbiħ li jista' jsir lill-faċilitajiet tal-marina u l-inħawi*

[1] Fol 28 et seq

*tal-madwar. F'dan ir-rigward, l-eċċipjenti formalment tirriserva kull jedd li għandha,* ***inkluż li tfittex lill-atturi għal danni*** *li jkopru mhux biss okkupazzjoni illegali tal-marina, iżda wkoll telf ta' concession fees u telf ta' investiment;*

4. *Fi kwalunkwe' każ, l-attur jeħtieġ illi jġibu prova tal-allegazzjonijiet tagħhom dwar il-kundizzjoni tal-marina;*

5. *Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi.*

*Bl-ispejjeż u* ***b'riżerva għad-danni*** *kif fuq spjegat.*

***Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:***

1.1 *Illi preliminarjament, kull wieħed mill-atturi għandu jġib prova tal-interess ġuridiku tiegħu f'din il-kawża;*

1.2 *Kull wieħed mill-atturi għandu wkoll jikkonferma illi ta l-kunsens tiegħu biex jissieħeb f'din il-proċedura;*

2.1 *Illi l-atturi m'għandhomx il-jedd li jmexxu b'din il-kawża, għar-raġunijiet li ser jingħad;*

2.2 *Illi l-kawża preżenti jeħtieġ tiġi kkunsidrata fl-isfond ta' kawża Kostituzzjonali li tinvolvi l-istess partijiet [Peter sive Rino Muscat Scerri v*

*Awtorita' għat-Trasport f'Malta et, 71/2011] u li ġiet deċiża b'mod finali mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tal-5 ta' Frar, 2015.*

2.3 *Illi f'dawk il-proċeduri, l-atturi kienu sostnew illi huma kellhom kirja jew konċessjoni "permanenti" li tintitolahom jorbtu l-yachts tagħhom versu berthing fee fiss kull sena fil-Marina ta' Ta' Xbiex, operata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta. Huma saħqu għalhekk illi meta l-Awtorita' talbithom jiffirmaw ftehim ġdid b'kundizzjonijiet ġodda u drittijiet ta' rmiġġ ogħla, hija kienet qiegħda tikser id-drittijiet tagħhom ta' proprjeta';*

2.4 *Illi essenzjalment, huma riedu illi jibqgħu iħallsu rati irriżorji, ferm orħos minn dawk tas-suq, u ma ridux illi jassumu obbligi, inkluż dawk relatati ma' saħħa u sigurta', li huma standard f'kull marina serja;*

2.5 *Illi f'sentenza tas-17 ta' Marzu, 2014, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti, filwaqt pero' li osservat u rrikonoxxiet illi l-Awtorita' kellha kull dritt li taġġorna l-"miżata" applikabbli "b'mod ragonevoli minn zmien ghal zmien."*

2.6 *Illi wara appell imressaq mill-Awtorita' esponenti, b'sentenza tal-5 ta' Frar, 2015, il-Qorti Kostituzzjonali ħassret is-sentenza msemmija u ċaħdet għal kollox it-talbiet tar-rikorrenti; Il-Qorti kkonkludiet illi l-atturi ma kellhom ebda "jedd ta' rmiġġ permanenti" kif kienu qed jippretendu fil-kawża u ikkonfermat illi l-Awtorita' esponenti kellha kull dritt illi teżiġi illi l-atturi, jekk iridu jkomplu jirmiġġaw fil-Marina operata mill-Awtorita' esponenti f'Ta' Xbiex, jiffirmaw kuntratt ġdid ta' rmiġġ b'kundizzjonijiet ġodda [Sentenza annessa bħala* **Dok TM 1***];*

2.7 *Illi jsegwi illi l-atturi m'għandhomx jedd illi jippretendu illi jibqgħu jirmiġġaw fil-marina ta' Ta' Xbiex u jużaw il-faċilitajiet tagħha mingħajr ma*

*jiffirmaw kuntratt ġdid u filwaqt illi jibqgħu iħallsu r-rati viġenti qabel id-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 103 tal-2011;*

2.8 *Illi minkejja din is-sentenza, l-atturi għadhom qed jinsistu illi jibqgħu bl-istess kundizzjonijiet u qegħdin jiddepożitaw d-drittijiet ta' rmiġġ fir-reġistru tal-Qorti, bir-rati preċedenti. Dippiu' qegħdin jirrifjutaw li jiffirmaw ftehim ta' rmiġġ u jassumu l-kundizzjonijiet ġodda li qed teżiġi l-Awtorita';*

2.9 *Illi għalhekk huma preżentement qed jokkupaw spazji fil-marina ta' Ta' Xbiex <u>illegalment u abużivament</u>;*

2.10*Isegwi illi l-atturi m'għandhomx il-jedd illi jmexxu b'din il-kawża dwar kundizzjonijiet fil-marina;*

**3.1** *Illi fil-mertu, l-Awtorita' ma tistax titqies responsabbli għal allegati ħsarat u nuqqas ta' manutenzjoni;*

3.2 *Illi b'rabta ma' dan, l-Awtorita' esponenti tirrileva illi huwa fatt magħruf għall-atturi illi l-Awtorita' ilha snin bl-intenzjoni li tniedi proċess ta' privatizzar tal-marina, proprju sabiex il-faċilitajiet fil-marina jiġu modernizzati, mtejba u msebbħa;*

3.3 *Madanakollu, kif avżati f'numru ta' ittri, inkluż ittra uffiċjali tat-2 ta' Diċembru, 2015 (Numru 4129/2015 – kopja annessa bħala* **Dok TM 2** *u kontroprotest preċedenti* **Dok TM 3***), bl-aġir abbużiv tagħhom li qed jisfida sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, l-atturi qegħdin ifixklu l-proċess tal-privatiżżar tal-operat tal-marina – dan bi ħsara mhux biss għall-Awtorita' iżda wkoll għall-utenti l-oħra li jixtiequ jgawdu mill-iżvilupp u tisbiħ li jista' jsir lill-faċilitajiet tal-marina u l-inħawi tal-madwar.*

*3.4 Illi f'dan ir-rigward, l-eċċipjenti formalment tirriserva kull jedd li għandha,* ***inkluż li tfittex lill-atturi għal danni*** *li jkopru mhux biss okkupazzjoni illegali tal-marina, iżda wkoll telf ta' concession fees u telf ta' investiment;*

*4.1 Fi kwalunkwe' każ, l-attur jeħtieġ illi jġibu prova tal-allegazzjonijiet tagħhom dwar il-kundizzjoni tal-marina;*

*5.1 Illi* ***ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12,*** *u fid-dawl tas-suespost, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mill-atturi huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ippruvati.*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi, minn issa nġunti għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi kollha mressqa mill-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom.

Rat ir-rapport tal-perit legali nkarigat minnha Dr Marco A. Ciliberti.

Rat illi nonostante l-fatt li l-atturi ddikjaraw li ser jippreżentaw nota ta' kritika għar-rapport tal-perit legali[2] huma naqsu li jagħmlu dan.

Rat illi waqt is-seduta tas-16 t'April 2018[3] id-difensur tal-atturi rrinunzja t-talbiet f'isem l-attur Gordon Mizzi (K.I. 824447M).

Rat illi fil-mori tal-proċeduri miet l-attur Rino Muscat Scerri (K.I. 266035M)[4].

[2] Seduta tat-23 t'Ottubru 2017 a fol 110
[3] Fol 480
[4] Ċertifikat tal-mewt a fol 494

Rat in-Nota tal-atturi a fol 487 tal-proċess. In vista tal-fatt li baqgħet ma saret ebda talba minn xi persuna sabiex tkompli l-kawża minflok il-mejjet u lanqas saret talba minn xi parti fil-kawża sabiex il-kawża tkompli ssir f'isem l-eredi preżunt jew preżunti tal-mejjet, fl-4 ta' Frar 2019[5] il-Qorti ordnat li l-kawża odjerna tkompli f'isem il-mejjet Rino Muscat Scerri stante lil kawza kienet wasslet għas-sentenza.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kawża odjerna l-atturi, li ddikjaraw li huma sidien ta' *yachts* li jirmiġġaw fil-Yacht Marina, Ta' Xbiex, talbu lill-Qorti fost oħrajn sabiex issib li l-Awtorita' konvenuta hija responsabbli għall-manutenzjoni u riparazzjonijiet neċessarji li hemm bżonn isiru f'Ta' Xbiex Yacht Marina, Ta' Xbiex u tordnalha biex teżegwixxi tali xogħlijiet.

Minn naħa tagħha l-Awtorita' konvenuta, oltre għal eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, irrespinġiet il-pretensjonijiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**PROVI**

1. Xehdu permezz ta' affidavit **l-atturi Alfred Mangion, Paul Cremona, Henry Attard, Gordin Mizzi, Emanuel Micallef, Trevor Sullivan, Joseph Grech, John Dalli, Joseph Casha, Peter Muscat Scerri u Sheila Dunbar Smith**[6]**.** Mill-assjem tax-xhieda tagħhom irriżulta li –

[5] Fol 497
[6] Affidavita a fol 159 et seq

i. Huma proprjetarji ta' *yachts* li jorbtu fil-Yacht Marina f'Ta' Xbiex;

ii. Fil-fehma tagħhom il-*yacht marina* in kwistjoni kienet tinsab fi stat ta' telqa minħabba fost oħrajn:

(a) *slabs* tal-*concrete* ħdejn id-dgħajjes li huma maqsumin

(b) *mains* tad-dawl miftuħin u mkissrin

(c) nuqqas ta' dawl u nuqqas ta' sigurta'

(d) problema ta' parkeġġ matul il-ġurnata

(e) mains tal-ilma huma miftuħin u diversi minnhom mhumhiex imsakkra b'dana li jiġu n-nies jieħdu l-ilma minn hemm u l-kont iżda jiġi fuqhom

(f) serq minn fuq id-dgħajjes

iv. L-Awtorita' nterpellathom b'ittra uffiċjali sabiex ineħħu d-dgħajjes tagħhom minn hemm u kienu qed jitolbuhom l-arretrati ta' *berthing fees*;

v. Ftit snin ilu huma irċevew ittra b'kuntratt anness magħha fejn ġew avżati li l-kundizzjonijiet ser jinbidlu, madankollu ma kien hemm ebda ndikazzjoni li ser isir xi nvestiment jew titjib fil-yacht marina in kwistjoni. Kienu ntavolaw anke kawża kostituzzjonali għax sostnew li kellhom *berth* permanenti iżda tilfuha fl-appell. Kienu anke marru quddiem il-Qorti Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem iżda għalxejn;

vi. In vista tal-problemi li kellhom mal-Awtorita' konvenuta huma kienu qegħdin jiddepożitaw il-*berthing fees* il-Qorti;

vii. Huma kkommissjonaw lill-Inġinier Konrad Maistre biex jagħmlilhom rapport dwar ir-riskju tal-marina u li ġie esibit in atti[7] u maħluf minnu waqt is-seduta tal-24 ta' Novembru 2016[8].

---

[7] Fol 6 et seq

[8] Fol 179

2. Xehdet l-**ispettur Lara Butters**[9] mill-għassa tal-Imsida li esebit numru ta' okkorrenzi dwar serqiet li saru mill-inħawi tal-marina in kwistjoni. Pero' hija speċifikat in kontro-eżami li r-rapporti eżibiti huma dawk li daħlu dwar dgħajjes irmiġġjati Ta' Xbiex u għalhekk mhux neċessarjament dgħajjes irmiġġjati fiż-żona li tirreferi għaliha l-kawża odjerna.

3. Xehed **Konrad Muscat** għan-nom tal-Awtorita' konvenuta[10] li qal li huwa nvolut fil-proċess ta' privatizzazzjoni tal-marina. Huwa qal li mal-Awtorita' l-atturi ma ressqux l-ilmenti li qed iressqu fil-kawża odjerna. Qal ukoll li l-Awtorita' ma kinitx qed tagħmel manutenzjoni u investiment fi Gzira Gardens Marina peress illi kien il-ħsieb tagħha li tipprivatizza l-istess marina, liema proċess ta' privatizzazzjoni kien qiegħed jiġi frustrat bl-aġir tal-atturi nnifishom li qegħdin jirrifjutaw li jaċċettaw ftehim u tariffi ġodda u anke billi ntavolaw il-kawża odjerna.

**B. EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI**

L-Awtorita' konvenuta ressqet żewġ eċċezzjonijiet preliminari li t-tnejn li huma huma ppernjati fuq l-allegat nuqqas t'interess ġuridiku tal-atturi li jippromwovu l-kawża odjerna. In vista tan-natura tagħhom sejrin jiġu trattati qabel kull konsiderazzjoni oħra.

Dawn l-eċċezzjonijiet li ser jiġu trattati flimkien jgħidu hekk –

[9] Fol 178
[10] Fol 211 et seq

*"1. Illi preliminarjament, kull wieħed mill-atturi għandu jġib prova tal-interess ġuridiku tiegħu f'din il-kawża u jikkonferma illi ta l-kunsens tiegħu biex jissieħeb f'din il-proċedura;*

*2. Illi, preliminarjament ukoll, l-atturi m'għandhomx il-jedd li jmexxu b'din l-azzjoni stante illi preżentement huma mhumiex qegħdin iħallsu r-rati applikabbli għalihom bħala utenti tal-marina ġestita mill-Awtorita' f'Ta' Xbiex u qed jirrifjutaw illi jiffirmaw ftehim ta' rmiġġ u jassumu l-kundizzjonijiet li qed titlob l-Awtorita'. Għalhekk, huma qed jokkupaw spazji fl-istess marina illegalment u abbużivament, m'għandhomx id-dritt li jibqgħu jorbtu fl-imsemmija marina, u wisq anqas li jressqu kawża dwar il-faċilitajiet fl-istess marina;"*

Il-ġurisprudenza li tirrigwarda l-interess ġuridiku meħtieg sabiex persuna tkun tista' tipprocedi fil-Qorti b'kawża kontra persuna jew persuni oħra hija voluminuża. Fil-każ fl-ismijiet **Integrated-Capabilities (Malta) Ltd et vs Crowd Shout Holdings Ltd et deċiż fil-31 t'Ottubru 2016** il-Qorti qalet hekk-

*"Fis-sentenza li tat fit-23 ta` April 2013 fil-kawża **"Amedeo Barletta noe et v. L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta"** din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk:-*

*"Illi l-Qorti tqis li meta wieħed iħares lejn is-siwi ta` eċċezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l-interess ġuridiku tal-parti attriċi li ssostni l-kawża, wieħed irid iżomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta u mal-prinċipji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu meħtieġ biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta` utilita` u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd (Ara App. Ċiv. 13.2.1953 fil-kawża fl-ismijiet **Manche` vs Montebello** (Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex ipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi (P.A. 7.1.1953 fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri vs Sammut** (Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta` sentenzi caħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb`sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali (Ara App. Ċiv. 8.6.1942 fil-kawża fl-ismijiet **Cortis vs Bonello** (Kollez. Vol: XXXI.i.218);*

*Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa` fil-kawża (App. Ċiv. 17.2.1993 fil-kawża fl-ismijiet* ***Sammut et noe vs Attard*** *(Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).*

*Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawża (Ara App. Ċiv. 3.12.1984 fil-kawża fl-ismijiet* ***Borg vs Caruana*** *(Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-għadd ta` sentenzi hemm imsemmija, u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat (Ara App. Ċiv. 12.12.1983 fil-kawża fl-ismijiet* ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et****). Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew ġid, u jista` jeżisti wkoll fejn jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawża fl-ismijiet* ***Axiaq vs Mizzi noe et*** *(Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku (App. Ċiv. 15.12.1932 fil-kawża fl-ismijiet* ***Scolaro vs Bailey*** *(Kollez. Vol: XXVII.ii.195);"*

*Hekk ukoll fis-sentenza li tat fis-17 ta` Mejju 2011 fil-kawża "****MrBookmaker.com Ltd. v. Stichting De Nationale Sporttotalisator, entita` estera****" din il-Qorti (PA/FS) qalet:-*

*"Din il-Qorti kif presjeduta, fil-kawża fl-ismijiet* ***Maria Tabone et vs Joseph Schembri****, deċiża fit-30 ta` Jannar, 2007 qalet: "Dwar il-kunċett ta` l-interess ġuridiku, jibda biex jingħad, li - Fil-kawża fl-ismijiet* ***Giulia Maria Millard vs George Said et noe*** *deċiża mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] ingħad li biex wieħed jista` jingħad li għandu interess ġuridiku li jipproponi azzjoni, hemm bżonn li l-kawża li jipproponi tkun tista' tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih.*

*Fil-kawża fl-ismijiet* ***Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomine*** *deċiża mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri fit-28 ta` Frar, 1997 [LXXXI-11-429] ġie ritenut li l-interess ġuridiku jrid ikun reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir.*

*L-interess irid ikun ġuridiku, ċioe` bbażat fuq xi dritt pretiż leż ta` l-atturi. (Mattirolo Vol. I pag.50; Mortara VoII p.588). Il-**Mattirolo** f`dan ir-rigward jispjega li :-*

*"L`azione compete soltanto e tutela dei diritti; l`interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d`altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` `injuria datum`, se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto."*

*Il-liġi qegħda hemm biex tipproteġi dak l-interess li għandu dritt bħala bażi tiegħu. Huwa għalhekk, li jingħad li l-interess huwa l-miżura ta` l-azzjoni.L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali ċjoe' jrid joħroġ minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt. (Ara **Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe** deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fid-29 ta` Jannar 1997).*

*Illi minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett ta` l-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Hekk ġie ritenut fil-kawża **Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** Appell Ċivili datat 17 ta` Frar 1993. Illi ġie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew ġid, u jista` jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għall-jedd morali jew suġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku. (Ara **Axiaq vs Mizzi noe et** Prim Awla Qorti Ċivili deċiża fit-13 ta` Ottubru 1952, **Scolaro vs Bailey**, Appell Ċivili deċiż fil-15 ta` Diċembru 1932, **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin**, Prim`Awla Qorti Ċivili deċiż fit- 28 ta` Marzu 2003).*

*Dan il-prinċipju ġie ribadit fil-kawża **Falzon Sant Manduca vs Weale**, deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun ġuridiku, jiġifieri jkollu l-elementi meħtieġa biex isawru l-interess ta` l-attur, iżda dan l-interess m`hemmx għalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku. Il-Qrati tagħna, saħansitra taw deċiżjonijiet fis-sens li persuna għandha nteress li tiġi msejħa fil-kawża anke fejn la tista` tirbaħ il-kawża u lanqas tista` tiġi kkundannata, imma biss għaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet tagħha u għall-integrita` tal-ġudizzju. (Ara **Lawrence Farrugia vs Joseph Fava** deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fit-18 ta` Mejju 1995).*

*Għalhekk jekk wieħed jipprova jiġbor dawn il-prinċipji fil-qasir wieħed jista` jgħid li l-interess ġuridiku:*

*-irid ikun attwali [jeżisti fil-mument li tiġi proposta l-azzjoni riferibbilment għal ksur ta` jedd u jibqa` jeżisti fil-kors kollu tal-kawża]*
*- irid ikun dirett*
*- irid ikun leġittimu [konformi għal dritt ta` l-attur, u mhux biss interess]*
*- irid ikun ġuridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]*
*- l-azzjoni trid tkun kapaċi li twassal lill-attur għall-otteniment ta` vantaġġ u utilita`*
*- għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur*
*- il-kawża li jipproponi tkun tista` tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih.*
*- Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir*
*- Ma jistax ikun ipotetiku, għalkemm jista` jirreferi għal jedd morali jew suġġettiv."*

*Illi fis-sentenza **Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et** (App. Ċiv. (Imħ JSP) – 6 ta` Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell sostniet:-*

*"Illi d-definizzjoni aċċettata fil-ġurisprudenza nostrana ta` interess ġuridiku hija dik tal-**Mortara** li jgħid li l-interess ġuridiku huwa `l`utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell`asserita` esistenza o violazione del diritto".*

*Illi għalkemm fis-sistema tagħna tista` tingħata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bażi li bih l-attur ikun jista` jippromwovi u jitlob l-aċċertament tiegħu permezz ta` l-awtorita` ġudizzjarja."*

*Fil-kawża **Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal- Pulizija fil-kwalita` tiegħu bħala Uffiċjal Prinċipali ta` l- Immigrazzjoni** (P.A. (JRM) 18 ta` Jannar 2001 – Ċit. Numru 1790/00/JRM), il-Qorti qalet hekk :-*

*"Illi għal bosta snin il-Qrati tagħna fissru li l-elementi meħtieġa biex isawru interess ta` l-attur f`kawża huma tlieta, u jiġifieri li l-interess irid ikun ġuridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B`ta` l-ewwel, wieħed jifhem li dak l-interess għandu jkollu mqar iż-żerriegħa ta` l-eżistenza ta` jedd u l-ħtieġa li tilqa` għal kull attentat ta` ksur tiegħu minn ħaddieħor. Dan l-interess m`hemmx għalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku [ara per eżempju, Qorti ta` l-Appell fil-kawża fl-ismijiet "**Falzon Sant Manduca vs Weale**", maqtugħa fid-9 ta` Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **J. Muscat et vs R. Buttigieg et** (App. Ċiv. 27 ta` Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) intqal: "L-interess irid ikun a) ġuridiku, jiġifieri d-*

*domanda jrid ikun fiha ipotesi ta` l-eżistenza ta` dritt u l-vjolazzjoni tiegħu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jeżisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi tagħha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, ħlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid joħroġ minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt, jiġifieri l-vjolazzjoni attwali tal-liġi trid tikkonsisti f`kondizzjoni pożittiva jew negattiva kontrarja għall-godiment ta` dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

*Fil-kawża deċiża mill-Prim`Awla fit-2 ta` Mejju, 2002 fl-ismijiet* ***George Laferla et vs Joseph Lauri et*** *ingħad li: "Huwa risaput li l-interess ta` l-attur f`kawża jrid jibqa` jissussisti matul il-ħajja ta` l-azzjoni, għaliex jekk tali interess jiġi nieqes, il-kawża ma tkunx tista` tissokta (ara "***Calleja vs Micallef****" deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fl-1 ta`April, 1992, u "***Sammut vs Attard****" deċiża wkoll mill-istess Qorti ta` l-Appell fis-17 ta` Frar, 1993).*

*Il-Qorti tosserva wkoll li l-interess ġuridiku, irid jissussisti matul il-ħajja ta` l-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attriċi naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. (****Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard****; App. Ċiv., 17.2.1993, Vol. LXXVII).*

*Illi f`sentenza oħra tas-17 ta` Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fl-ismijiet* ***Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard*** *qalet li: "l-interess ġuridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-ħajja ta` l-azzjoni".*

*Ta` l-istess portata kienet is-sentenza li tat din il-Qorti (PA/RCP) fis- 26 ta` April, 2012 fil-kawża "***Nicholas de Giorgio v. Vincent Paul Savona et****" fejn ingħad hekk :-*

*"Illi dwar in-nuqqas ta` interess ġuridiku tal-attur fil-mument li preżenta l-kawża huwa rilevanti li jingħad li "biex wieħed jipproponi domanda f`ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn li jkollu interess fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utli jew vantaġġjuż" ("***Beatrice Manche noe –vsMaria Montebello****" A.C. - 13 ta` Frar 1953), "b`mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduċi tali riżultat għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi" ("***Giuseppe Camilleri et –vs Giuseppe Sammut et****"P.A. - 7 ta` Jannar 1953) u jekk ir-riżultat, jew sentenza, ma jkunx jista` jiġi użufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta ("***Michelangelo Bond –vs- Carmelo Mangion et****" A.C. 27 ta` Mejju 1991; u "***Albert Calleja–vsOrazio Micallef****" A.C. - 1 ta` April 1992).*

*Fuq il-kunċett tar-riżultat vantaġġuż jew utli, ossija ta` l-utilita` ġuridika issir riferenza għas-sentenzi fl-ismijiet "***Veronica Farrugia et –vs Mary Buhagiar****" (A.C. - 2 ta` April 1993) u "***Joseph Attard et –vs Paul Baldacchino****" (A.C. - 5 ta` Ottubru 2001)."*

Fid-dawl tal-prinċipji ġurisprudenzjali suesposti il-Qorti rat l-atti u l-provi mressqa u tibda billi tinnota li l-kawża odjerna nfetħet minn tnejn u għoxrin (22) attur. Kif anke ndikat fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita' konvenuta, fl-ewwel lok u bħala punt tat-tluq KULL wieħed minnhom kellu jġib prova li kien ta l-kunsens tiegħu li jkun parti mill-proċeduri odjerni. Jirriżulta li r-rikors ġuramentat ġie maħluf minn Trevor Sullivan. Kif ingħad fis-sinteżi tal-provi kienu mbagħad għaxra (10) biss mill-atturi li taw ix-xhieda tagħhom bl-affidavit u li almenu wrew li għandhom il-konsapevolezza tal-kawża u li taw il-kunsens tagħhom għaliha. Dawn huma l-atturi Alfred Mangion, Paul Cremona, Henry Attard, Gordon Mizzi, Emanuel Micallef, Trevor Sullivan, Joseph Grech, John Dalli, Joseph Casha, Peter Muscat Scerri.

It-tnax -il attur l-ieħor pero' u ċioe' Albert Attard, Chris Sant, Shaun Arrigo, Mark Darmanin Kissaun, Paul Gauci, Peter Gatesy, Jamie Sammut, Norman Mifsud, Matthew Sammut, Philip Grima, Smyth Dunbar[11] u Chris Busuttil la qatt dehru quddiem il-Qorti u lanqas almenu ippreżentaw affidavit. Ħjiel ta' nteress ġuridiku da parti ta' dawn l-atturi partikolari għalhekk ma tressaq imkien.

Inoltre, in kwantu l-premessa ntroduttorja li fuqha l-atturi bbażaw l-ilmenti tagħhom kontra l-Awtorita' konvenuta kienet li huma "*sidien ta' yachts li jirmiġġjaw f'Ta' Xbiex Yacht Marina, Ta' Xbiex*", kien jispetta lilhom li jġibu l-prova tal-interess ġuridiku tagħhom fil-proċeduri *qua* sidien tal-*yachts* imsemmija. Iżda oltre għall-fatt li kienu biss dawk fuq elenkati li ppreżentaw l-affidavit tagħhom fil-kawża li almenu ddikjaraw bil-ġurament li huma jirmiġġjaw il-*yacht* tagħhom fil-*marina* msemmija, dawn xorta baqgħu ma ġabu ebda prova

[11] Jirriżulta mill-atti a fol 177 ġie preżentat affidavit ta' ċertu Sheila Dunbar Smyth (ID 12616A) li filwaqt li ddikjarat li hija sid ta' yacht li jirmiġġja fil-marina in kwistjoni. Hija kompliet tgħid hekk – "*When my late husband had purchased this yacht he was informed that this was the usual berth.*" Possibilment ir-referenza hija għall-attur Smyth Dunbar iżda li nġiebet prova ta' żwieġ bejniethom u wisq inqas li dan miet.

konkreta li tikkonferma li huma utenti reġistrati u rikonoxxuti għal dan il-għan eż permezz ta' xi kuntratti jew riċevuti.

Inoltre, kif kompla osserva l-perit legali Dr Ciliberti fir-rapport tiegħu -

*"Kull wieħed minn dawn ix-xhieda jiddikjaraw bil-ġurament illi huwa propjetarju ta' inġenju tal-baħar u li dawn ilhom jorbtu dawn l-inġenji tal-baħar fil-marina f'Tax-Xbiex għal diversi snin. Uħud minn dawn l-istess atturi – senjatament Paul Cremona, Emmanuel Micallef, Trevor Sullivan, Joe Grech, John Dalli u Peter Muscat Scerri – jsostnu illi huma kienu jingħataw irċevuta bi kliem li jindika li d-dritt tagħhom li jirmiġġjaw fil-marina kien u għadu wieħed permanenti. Peter Muscat Scerri xehed ukoll bil-ġurament tiegħu illi "kollha kemm aħna konna ffirmajna kuntratt ma' Malta Maritime Authority dak iż-żmien fejn ftehmna li l-perjodu kien "permanenti"*[12]*. Għandu jingħad mandanakollu anke fi stat bikri ta' din ir-relazzjoni illi l-ebda kuntratt bħal dan ma jinstab esebit in atti minkejja l-eċċezzjoni u l-kontestazzjoni tad-dritt pretiż mill-atturi da parti tal-Awtorita' konvenuta, dan oltre l-fatt illi minkejja kliem ġeneriku li juża Peter Muscat Scerri jirrizulta ampjament illi : (i) mhux kull min ippreżenta affidavit jgħid li huwa kien jircievi rcevuta bil-kliem : "Contract Type : Permanent"; (ii) ħadd ħlief l-istess Peter Muscat Scerri ma jgħid li kien iffirma xi kuntratt li jikkonċedi dritt permanenti;"*

Għalhekk fil-fehma tal-Qorti kellu raġun il-perit legali jgħid li -

*".....għal dawn ir-raġunijiet ma jirriżultax illi għandu mis-sewwa dak li jtennu l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet u ċioe' illi "kull wieħed mill-atturi ppresentaw affidavit fejn jiddikjara liema hi d-dgħajsa tiegħu u li allura għandu interess f'dawn il-proċeduri", u dan riferibilment għall-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku mressqa mill-Awtorita'. "*

[12] Ara affidavit ta' Peter Muscat Scerri mmarkat Dok. AA

Fil-kuntest tal-eċċezzjonijiet preliminari dwar l-interess ġuridiku ta' kull wieħed mill-atturi fil-kawża l-Qorti tirreferi wkoll għall-proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet **Peter sive Rino Muscat Scerri et vs L-Avukat Ġenerali et deċiżi definittivament mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Frar 2015**[13] **(**fejn il-maġġor parti tal-atturi fil-kawża odjerna kienu wkoll rikorrenti f'dik il-kawża). Dik il-Qorti kienet ikkonkludiet li, kuntrarjament għal dak pretiż minnhom, l-atturi ma kellhom ebda dritt li jirmiġġaw b'mod permanenti fil-marina ta' Ta' Xbiex u li konsegwentement l-Awtorita' konvenuta kellha d-dritt li tesiġi li l-atturi kellhom jiffirmaw ftehim ġdid b'kundizzjonijiet ġodda jekk huma riedu jibqgħu jirmiġġjaw il-*yachts* tagħhom hemmhekk. Ingħad hekk -

*"35. Mill-premess ċertament ma jistax jiġi konkjuż li jirriżulta li ġie stabbilit suffiċjentement li r-rikorrenti għandhom id-dritt pretiż minnhom b'mod u tali li jista' jingħad li l-pretensjoni tar-rikorrenti saret parti mill-possedimenti tagħhom. Din il-prova kienet tispetta lir-rikorrenti iżda, kif jirriżulta mill-premess, il-provi miġjuba minnhom huma skarsi u ekwivoċi għall-aħħar. Apparti li l-provi li nġiebu jirrigwardaw numru verament żgħir fost ir-rikorrenti, l-kwalita` tal-istess provi hi karenti għal kollox.*

*36. Ir-rikorrenti jistrieħu unikament fuq il-kliem "Contract Type: Permanent" li jidhru stampati fuq ir-riċevuti esibiti. L-istess riċevuti, iżda, ma jistgħux jittieħdu bħala sostitut għall-kuntratt li jidher hemm riferenza għalih fir-riċevuti. Ebda prova ta' tali kuntratt ma saret. Għalhekk anqas jista' jigi inferit xejn dwar it-tifsira tal-kelma "permanent" li tidher fuq l-istess riċevuti. Ċertament "permanent" ma tfissirx "eternal" u l-uffiċjali tal-Awtorita` intimata taw spjegazzoni plawżibbli alternattiva għal dik li jsostnu r-rikorrenti u ċioe` li l kelma "permanent" kienet tintuża biex tiddistingwi il-konċessjonijiet "seasonal" li jingħataw għal perjodi staġjonali u għalhekk temporanji minn dawk li jingħataw għal perjodu intier ta' sena u li setgħu jiġu mġedda minn sena għal sena.*

*37. Min-naħa l-oħra, jekk il-"kuntratt" li hemm riferenza għalih fir-riċevuti qatt ma eżista iżda l-konċessjoni in kwistjoni kienet dik kif temana mill-liġi ma rriżultat ebda dispożizzjoni inekwivoka tal-liġi li tipprovdi għal konċessjoni ta'*

[13] Kopja esibita in atti a fol 34 et seq

*rmiġġ ta' natura permanenti fis-sens li jippretendu r-rikorrenti. Ebda rmiġġ għal żmien permanenti ma jissemma' fir-regolamenti tal-1992 dwar iċ-Ċentri ta' Yachting (A.L. 71/1992) li jipprevedu drittijiet (fees) unikament għal żmien temporanju għall-massimu ta' żmien sena u b'rati staġjonali jew bil-ġurnata, bil-ġimgħa, kull ħmistax, jew fix-xahar li tvarja skont l-istaġun.*

*38. Ir-rikorrenti tal-anqas sa minn meta ppreżentaw ir-rikors tagħhom għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kienu jafu li l-pretensjoni tagħhom kienet qed tiġi kontestata u reżistita mill-Awtorita` kompetenti u li għalhekk il-leġittimita` tal-pretensjoni tagħhom setgħet tiġi stabbilita biss billi tiġi aċċertata ġudizzjarjament quddiem il-Qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni ordinarja. Ir-rikorrenti, iżda, ma adixxewx lil dik il-qorti qabel intentaw il-proċeduri kostituzzjonali preżenti bil-konsegwenza li sabu ruħhom f'pożizzjoni li ma jistgħux jissodisfaw lil din il-Qorti li huma verament għandhom fost l-assi tagħhom il-possediment konsistenti fid-dritt permanenti għal irmiġġ għal żmien indefinit kif pretiż minnhom. Anzi, is-sentenzi tal-qrati huma pjuttost fid-direzzjoni opposta".*

Il-Qorti tikkondividi pjenament wkoll ma dak li qal il-perit legali b'referenza għal din is-sentenza kostituzzjonali –

*"Il-provi miġjuba f'din il-kawża huma wkoll skarsi u ekwivoċi, aktar skarsi minn dawk – almenu kif jirriżulta fuq bażi ta' prima facie mis-sentenza li parti minnha ġiet appena riprodotta – prodotti fil-proċeduri li wasslu għas-sentenza appena ċitata, tant illi fil-proċeduri odjerni l-atturi saħansitra naqqsu milli jesebixxu kopja ta' l-irċevuti li jsostnu li huma kienu jingħataw. Illi għal dawn ir-raġunijiet ma nġiebet ebda prova fil-proċedura odjerna li fil-fehma tal-Perit Legali tista' tikkonvinċi lil din il-Qorti f'dawn il-proċeduri sabiex tiddipartixxi mill-konklużjonijiet ikkunsidrati u raġġunti tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali. Jidher illi minkejja it-twissija tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali meta irriteniet fis-sentenza tagħha illi kien jenħtieġ preliminarjament li l-leġittimita' tal-pretensjoni tagħhom bbażata fuq il-possediment fost l-assi ta' kull wieħed mill-atturi ta' dritt ta' irmiġġ permanenti tiġi ġudizzjarjament aċċertata quddiem il-Qorti kompetenti, tali talba sabiex dan l-allegat dritt jiġi aċċertat qatt ma saret. Se mai, ma jirriżultax mill-atti proċedurali ta' din il-kawża li tali allegat dritt ġie*

*aċċertat. Dan ma jistgħax ħlief ifisser illi d-drittijiet li l-atturi jippretendu li jifformaw parti mill-patrimonju tagħhom u li fuqhom huma fondati t-talbiet f'dan il-proċeduri ma jirriżultawx pruvati, u li għalhekk għandu mis-sewwa dak li ttenni l-Awtorita' konvenuta fis-sens illi l-atturi m'għandhomx l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jippromwovu u jmexxu din il-kawża."*

Il-Qorti tinnota wkoll li l-atturi ma ġabu ebda prova li turi kambjament fil-pożizzjoni legali tagħhom in segwitu għal din is-sentenza kostituzzjonali. Dan fis-sens li b'ebda mod ma wrew li fil-frattemp huma ffirmaw xi kuntratt ġdid mal-Awtorita' konvenuta bil-kundizzjonijiet ġodda. La l-pożizzjoni tal-atturi għalhekk ma jirriżultax li ġiet sanata b'xi mod, huwa diffiċli għall-Qorti li tifhem fuq liema titolu legali huma jippretendu li qegħdin jirmiġġjaw id-dgħajjes tagħhom ġewwa l-yacht Marina tal-Imsida u kif addirittura *qua* sidien tal-istess dgħajjes u *"utenti tal-marina"* huma qegħdin saħansitra jivvantaw il-pretensjonjiet tagħhom kontra l-Awtorita' konvenuta.

Għal kull buon fini jingħad ukoll li l-fatt waħdu li uħud mill-atturi xehdu fl-affidavit tagħhom li qegħdin jiddepożitaw il-*berthing fees* il-Qorti ma jiskattax l-interess ġuridiku meħtieġ għall-finijiet u effetti tal-liġi a favur dawn l-istess atturi. (Dan apparti l-fatt li lanqas il-prova dokumentarja ta' dawn l-allegati depożiti ma tressqitx).

In fine l-Qorti fermement tirrespinġi l-argument mressaq mill-atturi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom fejn jittantaw jispostjaw l-azzjoni tagħhom bħala xi *actio popolaris*.

Jingħad in primis li kif inhuwa risaput fil-prinċipji ġurisprudenzjali, kull kawża jeħtieġ tiġi maqtugħa fuq il-kawżali espressi fir-rikors ġuramentat.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawża **John Micallef noe vs Jeffrey Mizzi**, deċiża fil-24 ta' Frar, 2012:

"*Huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti tas-sentenza l-Imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni. Is-sentenza kellha għalhekk tispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-prinċipji tad-dritt applikabbli għalihom u tenut kont tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni. Kawżali kif espressa fiċ-ċitazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawża u l-Qorti għandha toqgħod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fiċ-ċitazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza mogħtija tkun extra petita*".

Huwa ċar għall-Qorti li fil-kawża odjerna l-premessi u t-talbiet tal-atturi fir-rikors ġuramentat huma ppernjati fuq il-bażi li huma qegħdin jaġixxu bħala sidien ta' *yachts* li huma utenti tal-*yacht Marina* f'Ta' Xbiex. Fil-fatt is-sustanza tal-ilmenti tagħhom kif esposti fl-att promotur hija li kawża ta' nuqqas ta' manutenzjoni u tiswijiet fil-marina msemmija da parti tal-awtorita' huma qegħdin ibatu l-konsegwenzi fir-rigward tal-*yachts* tagħhom hemm irmiġġjati partikolarment minħabba periklu lilom ikkawżat.

Fid-dawl tas-suesposti kunsiderazzjonijiet, l-unika konklużjoni li tista' tasal għaliha l-Qorti hija li ħadd mill-atturi ma rnexxielu juri li għandu l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex iressaq il-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa' l-ewwel żewġ eċċezjonijiet preliminari tal-Awtorita' konvenuta kif dedotti;**

**2. Tillibera' lill-Awtorita' konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju;**

**3. Tiċħad it-talbiet tal-atturi;**

**4. L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-atturi solidalment bejniethom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**